**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**

**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 527/2022**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Eman Hayman)**

**-Vs-**

**AJAY BABU**

***-Omissis-***

***-Omissis-***

**Illum, 19 ta' Settembru, 2023**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **AJAY** BABU, ta' 24 sena, iben Babu u Santhamma li twieled gewwa Haripadu, Kerala l-Indja nhar it-13/09/1998 , iddikjarat li jirrisjedi gewwa l-indirizz 60' Adnaw, Flt 3, Triq San Girgor Pieta u detentur tal-karta ta' l-identita 269842A u *omissis* u *omissis*, li ġew akkużati talli matul il-lejl ta' bejn il-10/09/2022 u il-11/09/2022 ġewwa Pieta':-

1. Minghajr il-ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu il-hajja ta' **Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen** f'periklu car, volontarjament ikkagunaw hsara fil-gisem jew fis-saħħa, u cioe' offiża ta' natura gravi fuq persuntu, hekk kis iccertifikat Dr Carina De Battista (Med Reg 3964)

2. Hebbew sabiex jingurjaw, iddejjqu jew jaghmlu hsara lil **Shafeek Chakkarapadath Kunjimoideen** jew lil ħaddiehor, kemm il-darba l-fatt ma jkunx jaqa' that xi dispozizzjoni oħra ta' dan il-kodiċi

3. Ghamlu ingurji jew thedid mhux imsemmijja band'ohra fil -kodici kriminali lil **Shafeek Chakkarapadath kunjimoideen** jew, jekk kienu ipprovokati, ingurjaw b'mod li hargu barra mill-limiti tal-provokazzjoni

Il-Qorti hija gentilment mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawza kontra l-imsemmijja imputati u benficju tal-vittmi msemmija u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal -Ligijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-lig , tapplika wkoll l-artikoli 382A, 383, 384, 385 tal -kap 9 tal – ligijiet ta ' Malta ghas- sigurta' tal -vittmi msemmija kif ukoll ghall- familjari taghhom f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa il -Qorti hija gentilment mitluba sabiex f ' kaz ta' htija tikkundanna lill -imputat/I ghall- hlas ta' spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal -hatra ta' esperti jew periti fil -proceduri hekk kif ikkontemplaw fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat iwieġeb li mhux ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih;

Rat illi fil-1 ta' Novembru 2022 fuq talba tal-Prosekuzzjoni u billi l-imputat *omissis* ammetta għall-akkużi miġjuba kontrih, ġie ordnat illi l-proċeduri fil-konfront ta' *omissis* jitmexxew separatament mill-proċeduri fil-konfront ta' Ajay Babu u *omissis*;

Rat illi fl-20 ta’ Marzu 2023 fuq talba tal-Prosekuzzjoni, ġie ordnat illi l-proċeduri fil-konfront tal-imputat Ajay Babu jitmexxew separatament mill-proċeduri fil-konfront ta’ *omissis*;

Rat in-nota tal-Avukat Generali tas-7 ta’ Diċembru 2022 fejn, għall-finijiet tal-Artikolu 370(3)(a) tal-Kodici Kriminali, indika l-artikoli tal-liġi li abbażi taghhom, hemm maħsub li tista’ tinstab ħtija, u cioe`:

Fl-artikoli 215, 215, 218(1)(b)(a)(2), 222(1)(a), 202(h)(v) u 216 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 339(d), 7, 12 u 13 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 339(e), 7, 12 u 13 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
Fl-artikoli 17, 31, 382A, 383, 384 u 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Semgħet lill-imputat waqt l-udjenza tat-11 ta’ Jannar 2023 jiddikjara li m’għandux , oġġezzjoni li dawn il-proċeduri jiġu trattati u deċiżi bil-proċedura sommarja minn din il-Qorti bħala Qorti tal-Ġudikatura Kriminali;

Semgħet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni;

Semgħet lid-difiża tiddikjara li m’għandhiex provi xi tressaq;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ippreżentata mill-Prosekuzzjoni fis-seduta tal-11 ta’ Lulju 2023;

Rat ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tad-difiża, ippreżentata fil-31 ta’ Awwissu 2023 in ottemperanza mad-digriet mogħti fil-11 ta’ Lulju 2023;

Rat l-atti kollha;

Rat illi bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża, il-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

L-akkużi fil-konfront tal-imputat nibtu minn inċident li seħħ fil-lejl bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2022 ġewwa appartament li fih kienu jirrisjedu, fost persuni oħrajn, l-imputat Ajay Babu u l-parti offiża, Shafeek Chakkarapadath fejn diversi persuni spiċċaw li ġew fl-idejn wara argoment verbali li eskala fi ġlieda li fiha l-vittma kif ukoll persuni oħrajn, spiċċaw weġġgħu.

**Shafeek Chakkarapadath** xehed[1] illi dakinhar tal-inċident wara li kien spiċċa mix-xogħol huwa mar fl-appartament fejn jirrisjedi flimkien mal-imputati Ajay Babu u Rejith Ramesan, u sab li huma kienu qed jixorbu u kien hemm persuni oħrajn magħhom. Skont Shafeek, dawn il-persuni kienu fis-sakra jew kienu ħadu xi tip ta' droga. Huwa kien stieden tliet iħbieb tiegħu fosthom ċertu Uni, biex jieklu għandu dakinhar u kienu preżenti meta nqalgħet il-ġlieda. Spjega illi meta kienu kollha fil-kċina jippreparaw x'jieklu, daħlu żewġ persuni, wieħed minnhom Shibin u bdew jinsulentaw lill-ħbieb tiegħu. Wieħed minn dawn il-persuni qabad sikkina u pprova jattakka lil Uni. Sħabu ħarġu mill-kamra u ċemplu lill-Pulizija u dak il-ħin huwa waqa' fil-kamra u t-tliet persuni bdew jattakkawh mingħajr ebda raġuni. Wieħed minnhom, Rejith, tah daqqa ta' ponn għajnejh u gidmu waqt li l-oħrajn kienu qed isawtuh u hu kien qed jipprova jaħrab. Xehed ukoll li Ajay Babu ġie minn warajh, uża s-sieq tal-lemin tiegħu biex idawwarha ma' saqajh, "*illokkjaha*" u kisirhielu, filwaqt li Rejith imbagħad qabad flixkun u tah daqqa bih f'rasu. Fl-istess waqt, Shibin beda jagħtih ħafna daqqiet fil-kustilji taħt is-sider, fil-ġenb tal-lemin, f'rasu u f'saqajh. Bid-daqqa ta' flixkun li tah Rejith, beda jintilef minn sensih u ma setax jara minħabba d-dmija nieżla quddiem għajnejh. Shafeek ikkonferma li l-qasma f'moħħu li tidher fir-ritratti formanti parti minn Dok. EH11 hija l-qasma li għamillu Rejith bid-daqqa ta'

[1] Xhieda tas-27 ta' Settembru 2022.

flixkun. Imbagħad ħareġ mill-appartament u mar ipoġġi barra fuq l-għatba sakemm waslu l-Pulizija fuq il-post.

**L-istess Shafeek Chakkarapadath** reġa' xehed fid-19 ta' Ġunju 2023 fuq talba tiegħu stess kif ukoll bi qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-difiża, fejn ikkjarifika illi fil-waqt tat-tieni inċident fejn huwa safa aggredit, l-imputat kien qiegħed isfel u ma kienx prezenti. Qal ukoll li l-imputat huwa innoċenti.

**Kamarudden Chakkarappadath**[2], li kien jirrisjedi fl-istess appartament fejn seħħet il-ġlieda, xehed illi waqt li kien qed jinħasel, sema' l-għajjat u pprova jintervjeni biex iwaqqaf lil George u Rejith li kienu qed jiġġieldu ma' Shafeek. Biex jikkalma s-sitwazzjoni huwa ħadhom fi kmamar separati. Lil Shafeek qallu biex ibiddel u biex ma jibqax waħdu fl-appartament u biex jiġi miegħu filwaqt li Uni ċempel lill-Pulizija. Qabel waslu l-Pulizija huwa ra lil Babu tiela' fl-appartament. Il-Pulizija telgħu ma' Uni fl-appartament u mbagħad ra lil Shafeek ħiereġ u kien imweġġa'. Qal li Shafeek ġie msawwat meta kien fl-appartament iżda ma kienx ra min sawtu għaliex huwa kien barra. Qal iżda li fl-appartament dak il-ħin kien hemm Babu, George u Rejith ma' Shafeek iżda fir-rigward ta' Ajay Babu, qal li meta kienu rranġaw kollox, huwa kien barra.

**Abdul Sabar Musipar Rahman**[3] xehed illi Shafeek kien ċempillu biex imur għandu għal festin għaliex xi ħadd kien sejjer lura l-Indja. Huwa mar ma' Uni u meta waslu kienu qed jiġġieldu iżda ma jafx l-ismijiet tan-nies li kienu qed jiġġieldu. Madankollu, huwa għaraf lil George Shibin u lil Ramesan Rejith fl-awla bħala l-persuni li kienu involuti f'din il-ġlieda. Ra lil Rejith, li kien xurban ħafna, jaqbad sikkina f'idejh u ġie biex jagħti u għalhekk iddeċieda li jieħu lil Shafeek f'kamra oħra. Hu niżel barra flimkien ma' Uni u ċemplu lill-Pulizija; beda jisma' ħafna storbju ġej mill-appartament u dak il-ħin ġew il-Pulizija u qalulhom biex jibqgħu jistennew barra. Barra magħhom kien hemm ukoll Kamarudden Chakarappadath u meta ħareġ Shafeek

---

[2] Xhieda tal-1 ta' Novembru 2022.
[3] Xhieda tal-1 ta' Novembru 2022.

ra li kellu ħafna demm ħiereġ minn ġismu: dawn il-ġrieħi ġew ikkaġunati wara li huwa kien issepara lil Shafeek minn mal-oħrajn f'kmamar separati meta ħareġ barra biex iċempel lill-Pulizija. Lill-imputat Ajay Babu ma għarfux bħala wieħed mill-persuni li kienu qed jiġġieldu fl-appartament u qatt ma rah qabel, rah biss meta ċemplu lill-Pulizija għaliex kien wasal fuq il-post dak il-ħin stess.

L-imputat, **Ajay Babu**, irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tiegħu fit-12 ta' Settembru 2022[4] u għażel ukoll li jixhed quddiem il-Qorti[5].

Fix-xhieda tiegħu, l-imputat qal li wasal fl-appartament tiegħu fejn kien jirrisjedi flimkien ma' Shafeek u Rejith għall-ħabta tal-10.00 p.m. Kien hemm party għaddej u kien hemm Shibin, Rejith u xi nies oħrajn li ma jafx min huma li kienu fil-kċina jixorbu l-alkoħol u jdoqqu d-diski. Shibin u Rejith kienu xorbu ħafna u kienu xurbana u riedu wkoll jiżfnu. Iżda inqala' argument bejnhom u bejn Uni fejn huwa daħal biex iwaqqafhom u ġew xi nies oħrajn, fosthom Shafeek li ta daqqa ta' ħarta lil Shibin f'wiċċu. Uni kisser flixkun tal-ħġieġ mal-ħajt, weġġa' idu u qal li kien ser iċempel lill-Pulizija. Hu talab lil Uni biex ma jċempilx lill-Pulizija biex il-problema ma titkabbarx u niżel isfel ma' Uni. Dak il-ħin wara xi żewġ minuti, meta kien għadu isfel, sema' li l-ġlieda kienet għadha sejra u għalhekk reġa' tela' fuq fl-appartament fejn ra lil xi ħadd iwaddab siġġu lejn Shibin u ra wkoll lil Shafeek u lil Rejith jiġġieldu waħedhom. Hu rnexxielu jieħu s-siġġi mingħand il-persuna l-oħra u ħa lil Shibin fil-kamra tiegħu u ħa wkoll lil Rejith fil-kamra tiegħu u mbagħad reġa' niżel biex jara jekk Uni kienx ċempel lill-Pulizija filwaqt li Shibin, Shafeek u Rejith u Mugib baqgħu fuq. F'ħin minnhom Mugib niżel biex jitla' xi ħadd għaliex l-oħrajn kienu għadhom jiġġieldu u għalhekk reġa' tela' fuq fejn sema' lil xi ħadd jibki u jara lil Shibin, Rejith u Shafeek jiġġieldu fejn Shafeek kien mimli demm. Huwa pprova jwaqqafhom milli jkomplu jiġġieldu u iferraqhom u meta waslu fuq il-post il-Pulizija, staqsewh għall-verżjoni tiegħu u talbuh jakkumpanja lil Shafeek l-Isptar.

4 Traskrizzjoni Dok. KV1.
5 Xhieda ta' Ajay Babu, 17 ta' Mejju 2023.

L-imputat ċaħad kategorikament li huwa kien parti mill-ġlieda flimkien ma' Rejith, Shafeek, Shibin u Uni u ppuntwalizza li huwa pprova jferraqhom u waqqaf lil Shibin billi qabdu u ħadu fil-kamra tiegħu, kif reġa' għamel meta reġa' tela' fl-appartament l-ewwel darba. Fisser li huwa kien l-unika persuna fost dawn kollha li ma kienx xorob ħafna u ried li jwaqqaf il-ġlieda mill-bidu nett tant illi l-ewwel darba meta żamm lil Shibin u Rejith fil-kamra ħaseb li kienet ser tieqaf hemm. Innega li huwa pprova jwaqqaf il-ġlieda billi ġibed jew żamm saqajn Shafeek u insista li biex iwaqqaf il-ġlieda kien imbotta lil Shibin u lil Rejith b'idejh u li kien mess lil Shafeek biss meta daħal fin-nofs biex iferraqhom.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti fliet bir-reqqa it-testimonjanza tax-xiehda tal-Prosekuzzjoni, iżda ma rriskontratx provi konklussivi li jorbtu lill-imputat Ajay Babu mal-feriti li ġarrab il-vittma waqt il-ġlieda li seħħet fl-appartament fl-10 ta' Settembru 2022.

Tibda biex tosserva illi hu stabbilit mix-xhieda tal-vittma nnifsu kif ukoll ix-xhieda ta' Kamarudden Chakkarappadath u Abdul Sabar Musipar Rahman, li kienu Rejith u George Shibin li bdew jattakkaw lil Shafeek Chakkarapadath. L-istess vittma xehed ukoll illi sussegwentement, l-istess Rejith tah bil-ponn f'għajnejh, gidmu u tah daqqa ta' flixkun f'rasu, filwaqt li George Shibin beda jagħtih ħafna daqqiet kullimkien. Fir-rigward tal-imputat Ajay Babu, Shafeek Chakkarapadath xehed illi hu kien kisirlu siequ u dan meta mar minn warajh u dawwar siequ ma' tiegħu waqt li kien qed jiġi msawwat mill-oħrajn li kienu qed jagħtuh bis-sieq kullimkien.

Il-Qorti fehmet illi seħħew talanqas żewġ episodji separati fejn Shafeek Chakkarapadath ġie attakkat: (i) inizzjalment meta ħebbew għalih Rejith Ramesan u George Shibin iżda l-ħbieb tal-vittma intervjenew u rnexxielhom jikkalmaw is-sitwazzjoni u mbagħaf niżlu isfel biex iċemplu u jistennew lill-Pulizija, u (ii) in segwitu meta skont il-vittma, huwa ġie attakkat minn Rejith, George Shibin u mill-

imputat f'daqqa, fejn allega li l-imputat kisrlu saqajh fil-waqt li huwa rċieva daqqa ta' flixkun fuq moħħu u diversi daqqiet mingħand iż-żewġ persuni l-oħrajn.

Huwa fatt stabbilit li, kif sewwa xehed il-vittma, Shafeek Chakkarapadath, l-imputat kien preżenti fl-appartament meta bdiet il-ġlieda bejn il-grupp ta' ħbieb tiegħu u dawk ta' Shafeek, u kien preżenti wkoll f'waqtiet oħrajn. Dan hu affermat mill-imputat nnifsu. Kamarudden Chakkarappadath xehed li huwa għaraf lill-imputat tiela' fl-appartament wara l-ewwel parti tal-ġlieda meta kienu barra qed jistennew lill-Pulizija, liema verżjoni hija konsistenti mal-verżjoni tal-imputat innisfu li xehed li huwa kien niżel isfel biex jikkonvinċi lil Uni biex ma jċempilx lill-Pulizija u mbagħad reġa' tela' fl-appartament għaliex kien reġa' sema' l-għajjat. L-imputat xehed ukoll illi dak il-ħin, meta tela' fl-appartament, ra l-grupp ta' Shafeek jiġġieled ma' sħabu fejn ikkalma s-sitwazzjoni u bagħat lil George Shibin u lil Rejith fil-kamra tagħhom u in segwitu, wara li kien reġa' niżel it-tieni darba biex jara jekk Uni kienx ċempel lill-Pulizija, ċertu Mujib qallu li l-oħrajn kienu reġgħu bdew jiġġieldu u għalhekk reġa' tela' fl-appartament fejn ra lil Shafeek kollu demm u lil sħabu Shibin u Rejith, b'Rejith jgħidlu li kien ta lil Shafeek daqqa fuq rasu b'tazza.

L-imputat jinnega kategorikament l-involviment tiegħu fil-ġlieda ħlief biex jipprova jferraq lill-persuni li kienu qed jiġġieldu, u jisħaq ripetutament sija fix-xhieda tiegħu u wkoll fl-istqarrija tiegħu lill-Pulizija, li huwa fl-ebda waqt ma ġġieled ma' Shafeek, attakkah jew tah daqqa ta' sieq, wisq inqas li kisirlu saqajh ma ġġieled f'ebda ħin ma' Shafeek u kien indaħal biss biex jipprova jferraq lil Rejith u lil Shibin minn ma' Shafeek u sħabu għaliex kienu qed jiġġieldu fl-appartament. Huwa insista diversi drabi illi huwa ried li l-ġlieda tieqaf, anke għaliex ma riedx l-inkwiet la għalih innifsu u lanqas għal sieħbu Rejtih li kellu problemi finanzjarji, u kien għalhekk li pprova jferraq lil sħabu minn ma' Shafeek u jdaħħalhom fil-kamra u b'hekk iwaqqaf il-ġlied.

Il-Qorti ssibha ferm diffiċli biex ma temminx lill-imputat u biex ma tqisx il-verżjoni tiegħu bħala waħda raġjonevoli u ppruvata sal-grad tal-probabbli. Kif rajna, huwa kien konsistenti ferm fil-verżjoni tiegħu, fl-irqaqat kollha tagħha, u fl-ebda waqt ma

kkontradixxa lilu nnifsu la waqt ix-xhieda tiegħu u lanqas waqt l-interrogazzjoni. Għandu jingħad ukoll illi l-uniku xhud li xehed li ra lill-imputat iħebb għall-vittma huwa Shafeek il-vittma nnifsu, u dan meta qal li l-imputat ġie minn warajh waqt li kien qed jaqla' ħafna daqqiet fil-kustilji, fil-pexxun u f'rasu mingħand iż-żewġt iħbieb tal-imputat, u "*llokkjalu*" siequ billi dawwarha ma' siequ l-leminija. Apparti l-fatt illi għall-Qorti huwa ftit spjegabbli, minkejja d-deskrizzjoni li ta l-vittma, kif seħħ dan il-ksur[6], ma tqisx li x-xhieda ta' Shafeek Chakkarapadath hija konklussiva in kwantu għall-prova li l-imputat kien involut fl-aggressjoni tal-vittma u wisq inqas fl-offiżi sofferti minnu f'din il-ġlieda.

Dan qed jingħad mhux biss għaliex l-imputat minnufih u konsistentement ċaħad li huwa aggredixxa lil Shafeek bl-ebda mod u f'ebda waqt matul il-ġlieda, iżda wkoll għaliex diversament mill-imputat, il-vittma ma kienx daqshekk konsistenti fil-verżjoni tiegħu dwar dak li seħħ. Kemm hu hekk, il-vittma nnifsu, meta talab li jerġa' jixhed quddiem il-Qorti, xehed illi l-imputat huwa innoċenti. Magħdud dan il-fatt illi fil-waqt li fil-verżjoni inizzjali li huwa rrilaxxa fl-Għassa tal-Pulizija fil-11 ta' Settembru 2022, Shafeek Chakkarapadath stqarr li kien Ajay Babu l-persuna li tah daqqa ta' flixkun fuq moħħu[7] - allegazzjoni li l-imputat, meta ġie konfrontat biha waqt l-interrogazzjoni, ċaħad bil-qawwa - fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti l-istess vittma stqarr bla tlaqliq li kien Rejith li kien tah daqqa bil-flixkun fuq rasu u mhux l-imputat.

Iżda iktar sinfjikanti minn hekk hu l-fatt illi fl-istess verżjoni li rrilaxxa lill-Pulizija, kif rapportata fl-okkorrenza, Shafeek, filwaqt li kkonferma li t-tliet persuni li attakkawh kienu l-imputat, Rejith u Shibin, stqarr li ma kienx jaf min minnhom kien rifes bis-saħħa fuq siequ x-xellugija u kisirhielu: "*unknown assailant from these three persons had stepped forcefully on his left left and broke it in the process*". Għall-Qorti mhux verosimili li l-vittma irnexxielu jidentifika, iktar minn ġimagħtejn wara l-inċident, din il-persuna injota li rifset siequ u l-istess vittma ma spjegax kif wasal għal

[6] Il-Qorti tosserva li kuntrarjament għal dak li ġie deskritt anke b'mossi fiżiċi waqt id-depożizzjoni tiegħu fuq il-pedana tax-xhieda, fir-rapport tal-okkorrenza Shafeek Chakkarapadath irrapporta li l-ksur f'siequ seħħ meta xi ħadd injot rifes bis-saħħa fuq siequ, u mhux għaliex ġie xi ħadd minn warajh u dawwar siequ ma' tiegħu.
[7] Ara xhieda tal-Ispettur Eman Hayman tad-19 ta' Diċembru 2022.

din il-konklużjoni. *Multo magis* meta quddiem il-Qorti l-vittma xehed illi din il-persuna ġiet minn warajh u dak il-ħin kien qed jiġi aggredit. M'huwiex verosimili lanqas li persuna fil-qagħda li l-vittma xehed li kien jinsab fiha dak il-ħin, jiddeskrivi b'tant reqqa l-mossi tal-aggressur li ġie minn warajh waqt li huwa kien qed jiġi wkoll imsawwat minn żewġ persuni oħrajn. Ta' min jirrimarka illi ebda wieħed miż-żewġ xiehda l-oħra li ressqet il-Prosekuzzjoni ma raw lill-imputat fost il-persuni li kienu qed jiġġieldu ma' Shafeek.

Jiġi osservat ukoll illi lil hinn minn dan l-att speċifiku allegatament imwettaq mill-imputat, Shafeek ma attribwixxa ebda azzjoni oħra lill-imputat li setgħet ikkaġunat jew ikkontribwixxiet għall-offiżi li hu xehed li ġarrab u jew li ġew ċertifikati minn Dr. Edward Cherubino, l-espert mediko-legali maħtur mill-Qorti, fir-relazzjoni tiegħu u l-Qorti ma tirravviża ebda ness kwalsiasi bejn l-imputat u dawn l-offiżi riskontrati.

Barra dan il-fatt illi l-verżjoni tal-imputat hi in parte korroborata mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni Kamarudden Chakkarappadath u Abdul Sabar Musipar Rahman, li t-tnejn ikkonfermaw li l-imputat kien barra fit-triq meta l-ġlieda kienet evidentement kompliet ġewwa l-appartament u l-imsemmi Abdul Sabar Musipar Rahman xehed ukoll li l-imputat ma kienx wieħed mill-persuni li kienu qed jiġġieldu fl-appartament. Ta' min jissenjala wkoll il-fatt illi Kamarudden Chakkarappadath xehed illi meta huwa kien qed ċempel lill-Pulizija, f'liema ħin sema' ħafna storbju ġej mill-appartament fuq[8], l-imputat kien barra fit-triq u kien barra fit-triq ukoll meta kienu qegħdin jirranġaw l-affarijiet. Għalkemm huwa minnu li l-imputat kien reġa' daħal fl-appartament meta sema' l-għajjat u stobju ta' ġlied, kif affermat minnu fl-istqarrija kif ukoll fix-xhieda tiegħu, il-Qorti tosserva li f'dan il-waqt l-imputat kien ħareġ 'il barra biex jirraġuna ma' Uni, il-ħabib tal-vittma li kien qed jiġġieled kontra l-grupp tal-bieb tiegħu stess, u biex jikkonvinċih li ma jċemplix lill-Pulizija. Ma jirriżultax li dan l-imputat għamlu bil-ġlied jew bit-theddid iżda pjuttost kien qed jitlob lil Uni b'ċertu ħniena biex ma jinvolvix lill-Pulizija biex is-sitwazzjoni ma titkabbarx u ma jinħolqux

[8] Dan xehdu wkoll l-imputat.

problemi ulterjuri[9]. Il-Qorti tqis illi ġaladarba ma jirriżultax, la mix-xhieda ta' Kamarudden Chakkarappadath u lanqas mix-xhieda ta' Abdul Sabar Musipar Rahman, li l-imputat kien qed jiġġieled magħhom jew ma' Uni jew mal-ħbieb l-oħra ta' Shafeek[10], u stabbilit ukoll li l-imputat kien jaf li Uni ċempel jew kien ser iċempel lill-Pulizija, qajla tista' tqis bħala attendibbli l-ipotesi li meta l-imputat reġa' tela' fl-appartament għaliex sema' l-ġlied, aggredixxa lil Shafeek huwa stess meta jirriżulta li huwa ried akkost ta' kollox jevita l-inkwiet mal-Pulizija.

Dan kollu stabbilit, il-Qorti tqis li ma tistax ma tagħtix piż u affidabbilita' lill-verżjoni tal-imputat li huwa intervjena fil-ġlieda biss biex jipprova jferraq u mhux biex jaggredixxi, verżjoni li kif rajna tinsab sorretta in parti mix-xhieda tal-ħbieb tal-vittma u mill-vittma nnifsu meta qal li l-imputat huwa innoċenti. Dan kollu magħdud hu biżżejjed biex isawwar dubju raġjonevoli f'moħħ il-Qorti dwar il-ħtija tal-imputat għar-reati lilu addebitati, anke għaliex kif ingħad diġa', m'għandhiex iċ-ċertezza morali illi l-verżjoni ta' Shafeek Chakkarapadath hija rejalistika jew verosimili in kwantu għall-allegat involviment tal-imputat fil-ġlieda li seħħet fl-appartament (meta ħadd iktar mix-xhieda ma rah jiġġieled) u speċifikatament fil-mossa li wasslet għall-ksur ta' siequ.

Huwa għalhekk il-fehma konvinta tagħha li l-Prosekuzzjoni naqset milli tipprova li l-imputat ikkaġuna xi offiżi fuq il-persuna ta' Shafeek Chakkarapadath jew ħebb għalih, sal-grad meħtieġ għal sejbien ta' ħtija kriminali għar-reati addebitati lilu taħt l-Artikoli 216 u 218 tal-Kodiċi Kriminali u lanqas għar-reat minuri taħt l-Artikolu 221 jew ir-reat kontravvenzjonali taħt l-Artikolu 339(1)(d) tal-istess Kodiċi.

In kwantu għar-reat kontravvenzjonali taħt u l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali, ħadd ma xehed – lanqas il-vittma nnifsu - u ma tressqet ebda prova

[9] Uni ma ġiex prodott biex jixhed quddiem il-Qorti (il-Qorti fehmet illi huwa kien laħaq telaq minn Malta) u ħadd ma ċaħad il-verżjoni tal-imputat fir-rigward.

[10] Fl-istqarrijia tiegħu, l-interpretu tal-imputat, b'referenza għal dak li ġie mistqarr mill-imputat waqt l-interrogazzjni, qal: "*He told me he is innocent this happening. He told me he doesnt know anything, he also said the incident all things they know Shafeek friends they know he is innocent. He doesn't know why they chose his name he told me because he is innocent he did not hurt anyone.*"

kwalsiasi li tissodisfa lill-Qorti illi l-imputat hedded lil Shafeek Chakkarapadath jew inġurjah b'xi kliem jew mossi li ġew indirizzati fil-konfront tiegħu. Għaldaqstant l-imputat ma jistax jinstab ħati lanqas tar-reat taħt l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali.

**Għal dawn il-motivi, ma ssibx lil AJAY BABU ħati ta' ebda waħda mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u tilliberah minn kull ħtija u piena.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**